**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Il-31 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 21 t'April 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2015**
4. **Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet t'Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-31 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 21 t'April 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tat-30 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 5/2015, mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 5/2015 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet Lifelong Learning 2015-2016.**

2.2 Inqrat Memo 6/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 6/2015 – Depożitar ta' Flus fil-Kont tal-Bank tal-Kunsill Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 7/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 7/2015 – Laqgħat tar-Reġjuni.**

2.4 Inqrat Memo 8/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 8/2015 – Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġjonali 2012-2016 – *Progression* wara 5 snin servizz.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Servizzi offruti minn Kunsilli Lokali lil persuni b'diżabilita'.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Avviż maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali Llum.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali u numru ta' avviżi fi tliet Gazzetti tal-Gvern.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali llum – l-aħħar jum li fih jista' jsir l-irtirar tad-Dokumenti għall-Votazzjoni.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali l-bieraħ – dokumenti tal-vot ta' pazjenti rikoverati fl-Isptarijiet Mater Dei, Karen Grech, Monte Karmeli u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Żewġ Avviżi għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali llum.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Avviż maħruġ mill-Kummissjoni Elettorali – riżultati ta' kull għadd (*count*) tal-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fuq il-website tal-Kummissjoni Elettorali.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Riżultat uffiċjali tar-Referendum 2015 fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19.409.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Invit għal Forum: *A new vision for the South* – għada s-Sibt 28 ta' Marzu 2015 mit-8:30am sas-1pm – *Global College, Smart City*.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***BOV Training Schedule* dwar il-proċedura ġdida li ser tibda tintuża fejn jidħlu depożiti ta' flus li jinġabru miċ-ċitazzjonijiet.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Cinema Digitisation Scheme* għall-Anzjani.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Zebra crossings* madwar Malta – 2015.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Lejla Maltija mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin – il-Ħamis 23 t'April 2015 – Ġnien Hastings, il-Belt Valletta.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Ftuħ tal-uffiċini amministrattivi f'Sibt il-Għid u fil-jum tal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Melita payments.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Invitation for Press Conference – URGENT.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***May Activity Posters.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Malta Day by Day* – Attivitajiet Mejju 2015.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Każ Nru 154/15 – *List of Live Streaming Links.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Każ Nru 2015/15 – Laqgħat tal-Kunsill fil-ġurnata tas-Silenzju.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **Każ Nru 205/15 – Laqgħat tal-Kunsill fil-ġurnata tas-Silenzju.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu **L-awditjar tal-aħħar tas-sena.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Electoral Commission Press Releases***.

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu ***69/2015 – Local Councils Adverts.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Request for information regarding Council Employees CHANGES (I do not want a staff list).***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Completion of GPP Training for DLG and Start of Phasing in Period.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali bit-titlu ***Access to generic e-mail account.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raymond Barbara mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu **Preżentazzjoni ta' Ktieb lill-Prim Ministru.**

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Vassallo mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu **Sejħa lill-Kunsilli Lokali.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Kors ta' Taħriġ għall-Użu tal-magna AED li ġiet mogħtija mir-Reġjun Nofsinhar.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Spiteri, Teżorier tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsill Lokali bit-titlu **Sħubija ma' ANSEK.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, President tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Mediterranea Food Festival.***

2.36.1 Is-Sindku David Schembri qal li se nkunu qegħdin intellgħu l-poster ta' din l-attivita' fuq *Facebook* sabiex min huwa nteressat li jmur javviċina lill-Kunsill Lokali minħabba t-trasport li se jkun provdut b'xejn.

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M421 – Festival Updates.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***GAL Xlokk Seminar (28 March 2015).***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zammit mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata 2015 – Gazebos u Palk.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Simone Galea mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, bit-titlu ***Plant Health Directorate – Guidelines for the use of palm fronds on the occasion of Palm Sunday.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Antonello Abela, Prinċipal fil-*Public Contracts Review Board*, bit-titlu ***Objection QLC PC 49/15.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Antoinette Conti, Perit minn Transport Malta, bit-titlu ***Proposed works at*** **Triq is-Siġġiewi, Qrendi.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Bartolo Galea mill-ETC, bit-titlu ***Information meeting at Local Councils for persons with disability er ETC Services.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department*, bit-titlu ***DPN of the procession of Our Lady of Sorrows.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department*, bit-titlu ***DPN of the processions of*** **Ħadd il-Palm.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department*, bit-titlu ***Activities*** **Qrendi and Mqabba.**

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Scicluna mill-MEPA, bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christable Grima mill-NSO, bit-titlu ***Job Vacancies Survey 2015 – Quarter 1 – Ref: 56841.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Melissa Abdilla, *Operations Executive* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***Glass Collection.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Melissa Abdilla, *Operations Executive* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***Recycable Waste Collections on Public Holidays.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Farrugia, Uffiċjal Edukattiv ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***Participant during educational activities.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francisca Zahra, *Senior Clerk* ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***P/H – 01.05.2015, Opening hrs.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Mario Cordina bit-titlu **Laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ray Abela, Direttur Maniġerjali ta' TCTC, bit-titlu **Stedina għall-parteċipazzjoni f'Taħriġ: ESF 4.243 "Insaħħu l-kompetenzi għal Servizz Pubbliku effiċjenti permezz tal-użu tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern."**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato, *Junior Social Mentor* tal-Proġett LEAP! bit-titlu ***Leap Spot checks – week commencing 6th April, 2015.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato, *Junior Social Mentor* tal-Proġett LEAP! bit-titlu **Boutique – Valletta.**

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise-Mariella Farrugia, *Regional Development Agent* tal-Proġett LEAP! bit-titlu ***Community Meetings.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Chircop minn Bonnici Bros Ltd., bit-titlu ***Cold Asphalt Products Demos – Bonnici Bros. Ltd.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Karmen Coleiro, Direttur tal-*Animal Guardians Malta,* bit-titlu ***SCAN Project soon in your locality!!***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marcelle Attard mill-*Malta Communications Authority*, bit-titlu ***Internet Banking Initiative.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams bit-titlu ***Submission of Cultural Listing for ENCORE – Malta's Arts & Culture Magazine – Local Councils.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija Qrendi, bit-titlu **Toqob tal-Arbli fil-By-pass tal-Qrendi.**

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija Qrendi, bit-titlu **Permess.**

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Franco Magri bit-titlu ***Dangerous Holes in*** **Triq is-Sajjieda.**

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia bit-titlu **Tiswija ta' Toroq fil-Qrendi.**

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Peter Polidano bit-titlu ***Dog Mess.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvinu Zammit, bit-titlu ***Pasta Night/Coffee Morning.***

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Magro bit-titlu **Rampa Illegali.**

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2015

3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ġimgħa li għaddiet saret l-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat ta' dan il-Festival.

3.2 Spjega kif is-sotto kumitat huwa ffurmat kif ġej:

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Charles Zerafa – Ċerpersin
Chris Falzon
Karmenu Farrugia
Raymond Farrugia
David Schembri
Jurgen Xerri

3.3 Fisser kif l-ewwel ħsieb tas-sotto kumitat kien li l-palk isir fil-Ġnien tal-Warda kif kien sar l-ewwel darba u dan sabiex ma jkunx t'inkonvenjent għan-nies li joqgħodu fil-madwar.

3.4 Qal li s'issa għandna konferma li l-kantanta Amber se tkun magħna f'dan il-Festival u għadna qegħdin nistennew xi risposti mingħand individwi oħra jekk hux se jieħdu sehem jew le.

3.5 Żied li l-Ħamis li ġej se tkun qiegħda ssir flimkien mas-Soċjetajiet u l-Għaqdiet tar-raħal li jixtiequ jieħdu sehem f'dan il-Festival.

3.6 Spjega kif se nkunu qegħdin nibbenefikaw minn €5,000 għajnuna mingħand il-Gvern Ċentrali permezz tal-iskema u issa rridu naraw kif se nagħmlu l-esebizzjoni tal-arti

3.7 Fisser kif fil-preżent is-sotto kumitat qiegħed jara kif jista' jagħti aktar laqta' kulturali lil dan il-Festival.

3.8 Żied li għal sena oħra se jkollna l-ġelat tal-patata u qal li se nkunu qegħdin ninfurmaw lil dawk kollha li jbiegħu l-ġelat fil-festi ta' raħalna biex jekk kemm-il darba jixtiequ jarmaw waqt il-Fesitval ikunu jistgħu, basta jkollhom ġelat minnhom li jkun jinvolvi l-patata.

3.9 Is-Sindku David Schembri spjega kif dan il-Festival qiegħed jgħin lill-Kunsill Lokali jinvolvi ruħu fl-attivitajiet ta' Valletta18 u dan minħabba r-relazzjoni b'saħħitha li għandna ma' Leeuwarden.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦIET T'OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li f'dan l-istadju ma tantx hemm x'wieħed jirrapporta.

4.2 Spjega kif dwar it-tender QLC PC 49/15 tkellimna mal-avukat imqabbad mill-Kunsill Lokali u tajna wkoll tliet xhur estensjoni lis-Sur Brian Borg li għandu l-kuntratt preżenti.

4.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar tender QILC SACE 49/15 u qal li ltqajna mal-Perit Mario Cordina u fehmna l-pożizzjoni tagħna lil xulxin.

4.3.1 Qal ukoll li ltqajna mal-Perit Anthony Bezzina sabiex inkunu ltqajna mal-Periti kollha li ġew *shortlisted*.

4.3.2 Spjega kif il-Perit Bezzina u l-Perit Lewis prattikament jinsabu ras imb'ras fil-prezzijiet.

4.3.3 Qal li l-Perit Bezzina wiegħed li se jkun qiegħed jassisti lill-Kunsill Lokali fi proġetti tal-Unjoni Ewropea mill-bidu sal-aħħar, filwaqt li l-Perit Lewis offra sitwazzjoni differenti, li l-ewwel il-Kunsill Lokali jakkwista l-fondi, imbagħad jidħol hu bħala l-Perit tal-Kunsill.

4.3.4 Fisser kif fil-preżent għadna ma wasalniex għall-konklużjoni sabiex naġġudikaw dan it-tender u għaldaqstant id-deċiżjoni se tkun qiegħda tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li għada se tkun qiegħda ssir laqgħa mal-Fondazzjoni tat-Turiżmu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.1.1 Spjega kif min-naħa tiegħu se jkun qiegħed isemmi dak kollu li għandu x'jaqsam maż-żona ta' Wied iż-Żurrieq u Ħaġar Qim.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li għandha ssir mas-Sur Steve Borg mil-Librerija Nazzjonali u dan sabiex jingħataw xi kotba lil-librerija tal-lokal bħala donazzjoni.

5.2.1 Spjega kif is-Sur Borg għenha ħafna sabiex sar ristrutturar tal-librerija pubblika tal-Qrendi.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar il-preżentazzjoni tal-ktieb dwar il-Qrendi li se ssir lill-Prim Ministru.

5.3.1 Spjega kif għal din il-preżentazzjoni se nkunu qegħdin nistiednu lill-awtru, Dr George Cassar, sabiex ikun preżenti waqt din il-laqgħa.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar stedina li waslitlu mill-Ambaxxata Olandiża u qal li huwa mistieden għal riċeviment u dan minħabba l-kuntatt b'saħħtu li għandna ma' Leeuwarden.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar l-istat strutturali ħażin tal-koxxa u l-blata ta' wieħed mill-bibien tal-Ġnien tal-Kmand.

5.5.1 Qal lix-xogħol fuq il-bieb tal-ħadid ta' dan il-Ġnien mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin u se jsir mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar iċ-Ċimiterju tal-Ars u qal li fil-mument qiegħed isir tisbiħ ta' dan il-post.

5.6.1 Spjega kif l-idea tal-Kunsill Lokali hi li l-proġett ikun finalizzat sa Jum l-Omm meta ċ-ċimiterju jinfetaħ għall-pubbliku.

5.6.2 Qal li bejn wieħed u ieħor dan il-proġett se jiġi jiswina €500 u dawn huma flus biss tal-materjal minħabba lis-servizzi qegħdin isiru mill-ħaddiema tal-IPSL, tal-Kunsill Lokali u tal-Ministeru tas-Saħħa.

5.6.3 Żied li se jkunu qed jitħawlu s-siġar tat-tamarisk u ta' Ġuda li flimkien ma'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Widnet il-Baħar jagħtu dehra tal-ambjent indiġenu Malti u sabiex tingħata dehra isbaħ lil dan iċ-ċimiterju.

5.6.4 Spjega kif dawn is-siġar ingħataw mingħand l-ELC u l-PARKS.

5.6.5 Kompla li malli jitlesta' dan il-proġett se nimxu għal Triq il-Biżantini sabiex isir dak il-ħajt li hemm maġenb għalqa sabiex nevitaw il-periklu.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu qegħdin jgħinuna billi qegħdin jiżbgħu l-bankijiet li hemm f'din iż-żona filwaqt lir-*railings* qegħdin isiru mill-ġdid.

5.7.1 Spjega kif kellu laqgħa mal-i*stakeholders* kollha ta' Wied iż-Żurrieq u dan wara li kien hemm xi sidien tad-dgħajjes li xtaqu li jibdew jintbagħtu l-Gwardjani Lokali f'Wied iż-Żurrieq.

5.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar is-sinjali tat-traffiku ta' mal-art fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq u qal li dawn se jsir *refreshing* tagħhom u se jsir mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar talba li waslet mingħand is-sidien tal-ħanut tad-deheb li hemm f'Wied iż-Żurrieq għaliex dawn jixtiequ li jsir sinjal isfar quddiem il-bieb tal-ħanut u dan minħabba li qegħdin jipparkjaw il-karozzi u qegħdin jostakolaw l-aċċessibilta' għall-ħanut.

5.10 Is-Sindku tkellem dwar diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar l-estensjoni tal-parkeġġ f'Wied iż-Żurrieq, sitwazzjoni li donnu mhux kulħadd qed jaqbel magħha u dan minħabba li hemm diversi sidien li qegħdin jgħidu li għandhom sena bla xogħol minħabba dan ix-xogħol ta' kostruzzjoni.

5.11 Is-Sindku tkellem dwar talba sabiex fi Triq Congreve jinħarġu l-imwejjed u s-siġġijiet minn ħanut partikolari u l-Kunsill Lokali oġġezzjona għal din it-talba.

5.12 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett LEAP! u qal lis-Sa. Alessia Mangion u s-Sur Ryan Salerno spiċċalhom il-kuntratt li kellhom mal-Kunsill Lokali u issa se jidħlu fil-proġett *Youth Guarantee.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.12.1 Spjega kif is-Sur Ryan Salerno spiċċalu l-kuntratt nhar il-Ġimgħa 17 t'April 2015 filwaqt lis-Sa. Alessia Mangion se tkun qiegħda tieqaf fit-30 t'April 2015.

5.13 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr tal-istatwi tal-lokal u qal li dawn issa huma lesti minn kollox.

5.13.1 Spjega kif dawn l-istatwi ħadu x-xhur sabiex tlestew imma issa la lesti nistgħu b'wiċċna minn quddiem ngħidu li dawn vera ġew sbieħ u prattikament dawn ma swew xejn lill-Kunsill Lokali minħabba li saru minn persuni tar-*Restoration Unit*.

5.13.2 L-istatwi ġew restawrati fl-ordni kif ġej:

San Mattew f'Misraħ San Mattew
Sant'Anna fi Triq Sant'Anna
Tal-Ħniena fi Triq il-Fulija
Santa Marija fi Triq il-Parroċċa
Santu Rokku fi Triq il-Parroċċa

5.14 Is-Sindku tkellem dwar il-*patching* speċjalment fit-toroq rurali tal-lokalita' u qal li dan beda matul din il-ġimgħa.

5.14.1 Qal li fil-preżent diġa' saru Triq il-Kabiri u Triq iż-Żelliqat u fil-jiem li ġejjin se jkunu qegħdin isiru Triq Ħas-Sejjieq, Triq San Niklaw kif ukoll Triq l-Imqabba u t-triq qrib is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

5.15 Is-Sindku tkellem dwar il-problema tal-ħaxix li qiegħed jitla' fit-toroq tal-lokal u qal li dan qiegħed jitla' mill-ewwel minħabba t-temp sabiħ li qiegħed jagħmel u x-xita abbundanti li għamlet matul ix-xitwa.

5.15.1 Spjega kif bħala Kunsill Lokali ma nistgħux inbixxu dan il-ħaxix ħażin u allura dan qiegħed jikber ħafna u mill-ewwel.

5.16 Is-Sindku tkellem dwar tħawwil ta' siġar u qal li s'issa diġa' ħawwilna 45 siġra indiġena u endemika Maltija fiż-żona t'Għajn ix-Xemx u l-madwar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.17 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni li kien hemm fi Triq San Ġwakkin u qal li fl-aħħar jiem inqalgħu tliet siġar tal-Yucca u tnejn tal-palm li kienu qegħdin itellgħu ħajt ta' għalqa.

5.17.1 Spjega kif hu personali ġie kritikat minn xi residenti li joqgħodu f'din it-triq imma l-Kunsill Lokali ngħata raġun minn gruppi ambjentali bħal *Save the Trees* u *Friends of the Trees* fost ħafna awtoritajiet oħra.

5.17.2 Żied lir-residenti kienu infurmati li se jitneħħew dawn is-siġar u mhux kif ingħad fuq FB, li l-Kunsill Lokali qabad u mar iqaċċat is-siġar.

5.17.3 Tant dan ma kienx minnu li l-Kunsill Lokali kien informa lis-sezzjoni *Tree Permitting* tal-MEPA minkejja li dan ix-xogħol ma kellux bżonn permessi.

5.18 Is-Sindku tkellem dwar l-attivita' kulturali *Passa ai Tempi* u qal li kif tkellem f'laqgħat oħra tal-Kunsill Lokali, f'din l-attivita' kien hemm xi problemi loġistiċi u hu qajjem dan il-punt mal-GAL Xlokk.

5.18.1 Spjega kif il-kantant Freddie Portelli kien għadu ma tħallasx tas-servizz tiegħu filwaqt li xi kotba li kellhom jingħataw lill-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Qrendi waslu fl-uffiċċju llum, kważi xahrejn wara l-attivita'.

5.18.2 Dawn l-ilmenti ġew diskussi waqt laqgħa tal-GAL Xlokk u ttieħdet deċiżjoni sabiex dawn il-punti jiġu riżolti mill-aktar fis.

5.19 Is-Sindku tkellem dwar il-promozzjoni tal-Qrendi Football Club għall-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni.

5.19.1 Spjega kif dan huwa unur għat-tim tar-raħal tagħna, unur li mhuwiex ta' kull sena minħabba l-problemi loġistiċi u finanzjarji li jiltaqa' magħhom il-kumitat.

5.19.2 Qal li tkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jagħti trofew lill-klabb tal-Qrendi bħala rikonoxximent ta' dan is-suċċess b'mod speċjali meta wieħed jikkunsidra li dan it-tim mhux se jkun qiegħed jieħu trofew mingħand l-MFA minħabba li mhuwiex se jirbaħ it-Tielet Diviżjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.19.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandu jingħata dan it-trofew lill-klabb tal-Qrendi bħala rikonoxximent mill-Kunsill Lokali.

5.20 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien hemm xi żviluppi dwar id-dati tal-ħarġiet li se jorganizza l-Kunsill Lokali.

5.20.1 Spejjga kif l-attivita' ta' Jum l-Omm kellha titmexxa' għal data oħra minħabba li konna se naħbtu m'attivita' ta' Soċjeta' Mużikali u issa din l-attivita' se ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015.

5.20.2 Qal li din l-attivita' se tkun tikkonsisti fi żjara l-WasteServ Malta Ltd., u wara *coffee morning* f'Marsaskala.

5.21 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ġurnata Għawdex u qal li anke hawnhekk se jkollna nibdlu d-data u l-ħarġa ma ssirx f'Ġunju.

5.21.1 Qal li din kellha ssir bilfors minħabba li f'Ġunju t-tfal ikunu għadhom l-iskola.

5.21.2 Għaldaqstant il-mawra għal Għawdex se ssir fl-1 ta' Lulju sabiex it-tfal ikunu spiċċaw mill-iskola.

5.22 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li l-bins ta' Triq Ħaġar Qim jinsabu kważi mimlija kollha u staqsiet kull meta jinġabar l-iskart minn ġo fihom.

5.22.1 Is-Sindku wieġeb li dawk il-bins mhuwiex imniżżlin fil-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku u għaldaqstant ikollhom isiru arranġamenti ulterjuri sabiex jitnaddfu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. FINANZI

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €76,258.67c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/15 u €48.15c skont il-*Petty Cash* Ref S/03.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**